DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 58/2012

tat-30 ta' Marzu 2012

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 27/2012 tad-10 ta' Frar 2012 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 tal-10 ta' Mejju 2011 dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 653/2007 [2] għandu jiġi integrat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied fil-punt 42ea (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 653/2007):

", kif emendat permezz ta':

— **32011 R 0445**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 tal-10 ta' Mejju 2011 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22).";

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 42ef (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2010):

"42eg. **32011 R 0445**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 tal-10 ta' Mejju 2011 dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 653/2007 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22).".

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 445/2011 bl-ilsien Islandiż u b'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Marzu 2012, dment li jkunu saru n-notifiki kollha lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
L-Aġent President
Gianluca GRIPPA

[1] ĠU L 161, 21.6.2012, p. 33.
[2] ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.